MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-2 ta' Jannar, 2004

Numru 259/1999

Il-Pulizija
(Spettur illum Supretendent Nicholas Ciappara

versus

Brian (Brian-John) Grech

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Biran(Brian-John) Grech ta’ 25 sena, iben Joseph u Theresa nee Formaosa, imwieled il-Pieta’ fl-10 ta’ Novembru, 1973 u joqgħod Dolores House, Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ Malta numru tal-Karta ta’ l-Identita’ 8674(M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer f'Novembru, 1996, kellu fil-pussess tiegħu id-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini PerikolużI Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess żmien u ċirkostanzi forna jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/I jew għall-użu ta' persuni mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-dispożizzjonijiet tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u mingħaj r ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli ta' l-1939, għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta'Malta.

Ukoll talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' Marzu, 1994 Awla B.

Fuq talba tal-Prosekuzzjoni l-Qorti ordnat li jiżdied is-segwenti dwar it-tieni akkuża:

‘Talli fl-istess żmien u ċirkostanzi ttrafika din id-droga fi jew ġewwa distanza ta’ mitt metru minn skola u psotijiet oħra kontemplati fl-artikolu 22(2)(proviso number 2 wara l-artikolu 22(2)(b)(ii)) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.’

Il-Qort rat id-dokumenti kollha ppreżentati skond il-Liġi u fosthom l-Ordni ta’ l-Avukat Ġenerali tas-17 ta’ Marzu, 1999, ir-ritratti ta’ l-imputat mmarkati R1 u R2, il-kopja tas-sentenza ‘Il-Pulizija versus Brian Grech’ mogħtija fit-28 ta’ Marzu, 1994, id-dokument DR, ir-relazzjoni tal-Perit Renato Laferla maħtur mill-Qorti biex jirrelelata dwar id-Distanza, il-Fedina Penali ta’ Malcolm Azzopardi kif ukoll mil-verbal ta’ l-24 ta’ _unju, 2003 fejn id-difi\a rre_istrat dikjarazzjoni li m’hemmx għalfejn jinstemgħu x-xhieda li diġa’ nstemgħu quddiem dina l-Qorti diversament preseduta.

Semgħet lix-xhieda bil-ġurament

Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli Prosekutur u ta’ l-abbli Difensur

Ikkonsidrat

Illi l-punt kruċjali kollu ta’ dan il-proċess idur fuq ix-xhieda mogħtija minn Malcolm Azzopardi mogħtija nhar it-28 ta’ Jannar, 2000.

L-imputat, fl-Istqarrija tiegħu tal-21 ta’ Novembru, 1998, innega li qatt biegħ jew ta d-droga lil xi ħadd. Ukoll meta l-Pulizija qalulu li xhud kien ikkonferma bil-ġurament quddiem Maġistrat li huwa (ix-xhud) kien xtara d-droga minn għand l-imputat, l-imputat qal li dawn kienu gidbu. Din ix-xhieda ngħatat fl-10 ta’ Novembru, 1998 waqt li s-sentenza kontra x-xhud ingħatat fit-30 ta’ Settembru, 1999.

L-imputat xehed minn jeddu fl-10 ta' Settembru, 2002 u caħad li kien biegħ id-droga. Huwa qal li qatt ma kien għamilha max-xhud u li ċerta Marcelle magħrufa bħala d-Dinamo, li kienet ħabiba u wkoll mart Malcolm Azzopardi kienet għamlitlu ħafna ħsara. Irrepeta li hu (l-imputat) ma kienx ħabib tax-xhud. Jekk jiltaqa' miegħu ġo ħanut kien jgħidlek 'Inti allright?' u daqshekk. Żied jgħid li kellu ċans jiżgiċċa kieku ried meta ra lis-CID ġejjin fuqu.Ikkonferma li l-laqam tiegħu huwa l-Ispanner u li ma sabux droga fuqu u lanqas fid-dar.

L-ispettur Nicholas Ciappara xehed li l-Malcolm Azzopardi kien ikkonfermalu minn għand min kien xtara d-droga. L-imputat kien qal li kien mhedded minn Grech diversi drabi.

Il-mistoqsijiet lil Malcolm Azzopardi sar fil-maġġor parti tagħhom mill-Qorti. (Ara paġni 3, 4, 5, 6 u 7 tax-xhieda mogħtija fit-28 ta' Jannar 2000.

'Qorti: Minn għand min kont tixtriha d-droga?
Xhud: Minn għand Brian Grech.
Qorti: Tagħrfu hawnhekk?
Xhud: Iva
Qorti: Indikah jekk jogħġbok
Xhud: Li qiegħed bilqegħda
Qorti: Dan?
Xhud: Iva
Qorti: Ix-xhud qed jindika lill-imputat. Għidilna f'liema ċirkostanzi kont tixtri d-droga?
Xhud: Jien kull ma xtrajt darba biss.
Qorti: Darba biss?
Xhud: Darba biss
Qorti: Meta kont xtrajt?
Xhud: Meta kont inqbadt b'dan il-każ stess, li qiegħed fuqu.
Qorti: Meta nqazbdt f'dan il-każ. U ż-żmien bejn wieħed u ieħor x'kien? Is-sena li għaddiet, per eżempju?
Xhud: Le, le, le. Xi tliet snin ilu, bejn wieħed u ieħor.
Qorti: Xi tliet snin ilu bejn wieħed u ieħor.
Xhud: Għax daqshekk dam għaddej il-każ tiegħi.
Qorti: U xi xtrajt minn għandu?
Xhud: L-eroina.

Qorti: Kemm xtrajt u kemm ħallaastu?
Xhud: Kont xtrajt pakkett ta’ Lm25.
Qorti: Pakkett wieħed ta’ Lm25. U fejn dan?
Xhud: Ġol-pjazza stess, ta’ Ħaż-Żebbuġ.
Qorti: Fil-pjazza Ħaż-Żebbuġ? Iva jew le?
Xhud: Iva.
Pros: Int għedt li xtrajt pakkett ta’ għaoxrin lira?
Xhud: ta’ Lm25.’

Fil-paġina 5 imbagħad insibu dan:

‘Qorti: Jiġifieri hu tak id-droga u talbek il-flus u ma tajtux flus?
Xhud: Hu tani d-droga u qalli jekk inbiegħ ħamsa jagħtini wieħed b’xejn, imbagħad nagħtih il-flus ta’ li nkun begħt.’

Fil-paġina 6:

‘Pros: Tiftakar li urejtek xi ritratti?
Qorti: Tiftakar?
Xhud: Insejt. Naf li kien bagħat għalija pero’ insejt fuqhiex konna tkellimna.
Pros: Tiftakr li kont urejtek xi ritratti?
Xhud: Iva, ehe, niftakr ritratti.
Pros: Tiftakar il-persuan ta’ min kienet f’dawn ir-ritratti?
Xhud: Iva, ehe, niftakar.
Pros: Ta’ min kienu r-ritratti?
Xhud: Ta’ Brian stess.
Il-Qorti: Ix-xhud qed jindika lill-imputat. Ara, il-Qorti qegħda turik dawn ir-ritratti R1 u R2. Dawn rajthom qabel dawn ir-ritratti?
Xhud: Iva kien urihomli l-ispettur.
Qorti: Jiġifieri qed tgħid li dawn huma l-istess ritratti li uriek l-Ispettur Ciappara?
Xhud: Iva..’

U katar ‘l isfel fl-istess paġina:

‘Pros: Il-laqam tiegħu x’inu?
Xhud: Mhux l-Ispanner.

Pros: L-Ispanner. U inti tikkonferma quddiem din il-Qorti li l-persuna li inti xtrajt id-droga minn għandha huwa l-istess persuna li hawn f'din il-rti?
Xhud: Iva
Pros: U ukoll qiegħed jidher fir-ritratt?
Xhud: Iva.'

Il-Qorti kkwotat fid-dettal dak li qal ix-xhud Malcolm Azzopardi biex tkun tista' tiżen jekk dan ix-xhud hux affidabbli jew le.

Il-Qorti kkunsidrat dan li ġej:

(a) Din ix-xhieda ngħatat meta l-kundanna għax-xhud kienet diġa' magħrufa meta xehed għaliex is-sentenza kontrieh ingħatat fit-30 ta' Settembru, 1999 waqt li x-xhieda tiegħu kienet fit-28 ta' Jannar 2000 waqt illi fit-13 t'Ottubru, 1999 kien diġa' ntbagħat il-ħabs.

(b) Din ix-xhieda ma kenitx kontradetta fil-kontro-eżami

© Ir-risposti mogħtija lil ħafna domandi li saru mill-Qorti kienu ċari

(d) Ikkonferma l-laqam ta' l-imputat

(e) Ikkonferma li kien intwera r-ritratti mill-Ispettur u għaraf lill-imputat.

(f) Qal bla tlaqliq minn għand min kien xtara d-droga.

Min-naħa ta' l-imputat, dan fittex li jinnega li kien xi midħla tax-xhud jew li kien tah xi droga. Kien hemm ukoll allegazzjoni li l-ħabiba (mara) tax-xhud għamlet ħsara lill-imputat.

Din ix-xhieda m'hija konvinċenti xejn. F'mumenti minnhom id-difiża tkellmet tnax-il vers u l-imputat wieġeb xott, xott fi tnejn. Siltiet twal huma dwar li kien jinżel il-pjazza u jinġabar mill-pulizija għal xejn. Wara l-kjarezza tax-xhieda ta' Malcom Azzopardi tat-28 ta' Jannar, 2000, l-imputat, li kien qed jixhed fl-10 ta' Settembru, 2002 żgur

seta’ kien aktar enfatiku, grafiku u qawwi fix-xhieda tiegħu u mhux jaħli aktar minn nofs il-ħames paġini f’risposti limitatissimi u difensivi..

Dwar l-imputazzjoni tad-distanza minn ċentru fejn jiltaqgħu ż-żgħażagħ, fil-fehma tal-Qorti din ġiet ippruvata sodisfaċentement mix-xhieda tal-Perit Renato Laferla.

Dwar ir-reċidiva, il-Prosekuzzjoni ppruvat li l-imputat kien ikkundannat darb’oħra għaliex ippreżentat kopja tas-sentenza relevanti.

Għaldaqstant il-Qorti hija soddisfatta li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-imputazzjonijiet kollha, jiġifieri l-ewwel waħda (il-pussess għaliex qabel ma għadda l-eroina lil ħadd ieħor kien fil-pussess tagħha) u t-tieni (it-traffikar) u din ta’ l-aħħar kif emendata, kif ukoll ir-reċidiva.

Il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 8 tal-GN 292/1939, ir-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Kap 101, l-Ewwel Skeda tal-Kap 101, l-artikoli 17, 49 u 50 tal-Kap 9, il-proviso li jidher fl-artikolu 22(2) li għandu x’jaqsam mad-distanzi minn ċentri taż-żgħażagħ meta persuna tkun instabet ħatja taħt l-artikolu 22(2)(b)(I), issib lill-imputat ħati ta’ l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrieh u tikkundannah għal għoxrin (20) xahar priġunerija u multa ta’ elf lira Maltija (Lm1000) liema multa hija pagabbli b’rati mensili ta’ Lm30 lira u jekk ma titħallasx tinbidel fi priġunerija ta’ tliet xhur.

MAĠISTRAT

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------